# L-Arloġġ tal-Knisja jagħlaq 41 sena



Joe Ian Attard

Din is-sena jaħbat il-wieħed w erbgħin sena mill-inawgurazzjoni tal-arloġġ tal-knisja Parrokkjali tagħna. Kien l-10 ta' Lulju 1966 meta bdew jinstemgħu it-tokki tal-arloġġ fi żmien sabieħ tal-festa Titulari tal-Madonna tal-Karmnu. Minnbarra li mtela' l-vojt ġol-kampnari majestużi tat-Tempju Gżirjan, bdejna nisimgħu t-tokki li jfakkarna kull kwarta li tgħaddi u wisq aktar bdejna nisimgħu d-daqq ħlejju tal-Ave Maria. L-Arloġġ kien l-aħħar opra kompluta tal-mibki kappillan Dun Pawl Galea ( 1899-1970) li beda l-parrokat tiegħu fit-18 ta' Marzu 1951 sa ma ħalla din il-kariga minħabba raġunijiet ta' saħħa fit-30 ta' Settembru 1966. Tul il-parrokat twil ta' ħmistax-il sena, Dun Pawl Galea ġabar u għamel ħafna oprti fil-knisja parrokkjali tagħna. Fl-1951 sar il-bieb maġġur imħallas mis-Sur Ġanni Vassallo li kellu l-ħanut tax-xorb Blue Haven, fejn illum hemm il-K.F.C. fi Triq l-Imsida quddiem il-ġnien pubbliku. Fl-1953 għamel il-paviment tal-irħam sabiħ li ħa post iċ-ċangatura tal-franka. Għamel il-bankijiet għal aktar kumdi-





THE TOOLBOX

171, The Strand,Gzira GZR 03 – Tel/Fax: 21312435
E-Mail: diycenltd@hotmail.com

*Suppliers of:*
Cutman Hand Tools – Kumas
Cordless Drills – Proma Abbrasives

*Specializing in all kinds of Tools and machinery*



ta' tal-kongregazzjoni li tattendi l-knisja. Ġab is-sett tal-qniepen tant melodjużi mill-fonderija John Taylor ta' Freehold street - Loughborough Leicestershire fir-renju Unit li tbierku mill-Arċisqof Metropolitan Mons. Mikiel Gonzi nhar it-30 ta' Ġunju 1957. Bħala kurżita' ngħidu li dan kien l-aħħar sett ikkonsagrat bir-rit il-qadim għax wara seħħew bidliet kbar tal-Konċilju Vatikan II. Dan is-sett qniepen tassew mfaħħar minn kampanari gwappi tbierku fil-ground ta' Stella Maris College. Għamel ukoll l-antriporti tal-bibien tal-ġenb bil-kitba li twissik " DIN HI D-DAR T'ALLA DAR TAT-TALB". Ħabrek biex ikkonsgra t-tempju li tela' bil-bżulija u tħabrik tal-Gżirjani ta' qabilna nhar it-23 ta' Mejju 1959. Sebbaħ l-altar maġġur bil-gandlieri tal-festa tant sbieħ li ma tixba qatt tħares lejhom. Dawn il-gandlieri x'aktarx huma disinn ta' Manuel Buhagiar u magħmulin bil-German silver. Ħallas minn butu l-Altar tan-Nawfraġju ta' San Pawl fl-1964, kif tixhed l-irħama fil-bażi ta' dan l-artal. Beda' x-xogħol għad dekorazzjoni u tqegħid tal-pittura fl-abside tal-knisja li ma laħaqx lesta. Dan il-proġett tal-Abside kien inawgurat lejliet il-Milied bil-lejl mis-suċċessur tiegħu il-mibki u qatt minsi Kanonku Dun Ġużepp Theuma (1931-1989) fl-1968. Dun Pawl tħajjar iġib l-arloġġ biex jikkumplimenta s-sett qniepen li kien ġab 1957. L-arloġġ fil-kampnar tal-knisja flimkien mad-daqq tal-qniepen kien fattur ewlieni ta' komunikazzjoni mal-parruċċani. L-arloġġ pubbliku kellu missjoni mportanti x'jaqdi. Minbarra d-daqq tat-tokki tal-ħin kien ukoll ifakkar in-nies f'ħin it-talb bħal l-Angelus tliet darbiet kuljum. Il-qnepen kienu kuljum jfakkruna fl-erwieħ għeżież tagħna biex nitolbu għalihom. Ifakkruna kull nhar ta' Ħamis filgħaxija fit-twaqqif tal-Ewkaristija. Kienu wkoll ifakkruna fit-tliet siegħat tal-


Neonglow THE NAME FOR NEON SIGNS

• Custom Made Neon Signs
• 3D illuminated Letters & Boxes Perspex
• Computer Cut Stickers
• Stockist of All Signage Material
• Perspex Bending

"John", Triq is-Sarg, Msida MSD 03. Tel: 21 221 405 - Mob: 99 894 208

Bayview HOTEL ★★★

143, The Strand Gzira
Sliema GZR 1026 Malta

Tel: +35621320216
Fax: +35621346212
e-mail: info@bayviewmalta.com
website: www.bayviewmalta.com



agunija ta' Sidna Ġesu' Kristu nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar.

L-arloġġ li ġab Dun Pawl Galea huwa wieħed modern li jaħdem b'sistema elettronika u mhux bil-mazzri bħal arloġġi l-qodma li nħaddmu bl-idejn l-arluġġara maltin bħal Mikelanġ Sapiano u oħrajn magħrufa. L-arloġġ inħadem mid-ditta Petite & Fritzen ġewwa l-belt ta' Aarle , l-Olanda. Minbarra l-makkinarju tiegħu inġiebu ħames qniepen żgħar msejħa Carillon. Dawn huma qniepen żgħar fonduti bi bronz (bell metal) taħlita ta' ramm u landa, b'inqass landa ħalli t-tonalita' tilħaq "pitches" mużikali għolja. Għal dawn il-ħames qniepen, Dun Pawl sab ħames benefatturi li ħallsu għalihom. L-isem ta' dawn il-ħames benefatturi jinsab "embossed" fuq ix-xoffa ta' kull qanpiena. Dawn il-ħams qniepen għandhom tonalita' konsekuttiva ta' ħames noti, jiġifieri Do Re MI Fa Sol jew C D E F G. L-arloġġ propju jinsab fis-sagristija u dan huwa msejjaħ il-"Master Clock" għax huwa "l-moħħ" tas-sistema kollha. Dan l-arloġġ imdendel mal-ħajt tas-sagristija, kull minuta jibgħat "pulse" fuq kurrent dirett għall-arloġġ tal-kampnar li huwa msejjaħ " Slave Clock". B'din il-pulse mibgħuta mill-arloġġ tas-sagristija tmur fil-fili ġos-sistema li qiegħda fil-kamra taħt il-kampnar li jressaq il-minutiera b'minuta l-quddiem. B'hekk jinżamm il-ħin kontinwament. Bħalma r-ras tal-ġisem tagħna tibgħat messaġġi lil kull parti ta' ġisimna, hekk hija din is-sistema tal-arloġġ ġewwa l-knisja tagħna. Kull kwarta il-'master clock' ġewwa s-sagristija jibgħat sensiela ta' pulses ġos-sistema prinċipali biex jindaqqu t-tokki bil-qniepen tal-Carillon. Kull siegħa jiġri l-istess fejn din id-darba tindaq l-Ave Maria. Għadni nisma' lil Dun Pawl li l-arloġġ idoqq l-Ave Maria biex ifakkar lil kulħadd li l-Gżira hija parroċċa tal-Madonna. Qabel it-tokki kienu jindaqqu fuq il-qniepen il-kbar. Il-kwarti kienu jindaqqu fuq il-qanpiena ż-żgħira (Paula - 2 qnatar) u s-siegħat kienu jindaqqu bit-tielet qanpiena ( Pia - 9 qnatar). Maż-żmien instab li l-mrietel kienu jagħmlu ħsara fuq ix-xoffa ta' barra ta' dawn il-qniepen. Irriżulta li b'hekk kienu se jiżviluppaw żewġ pjagi f'dawn iż-żewġt iqniepen. Kienet deċiżjoni għaqlija li t-tokki qed jindaqqu wkoll mill-qniepen Carillon. Il-miġja tal-arloġġ ma kienx proċess faċli għar-Ragħaj spiritwali Dun Pawl Galea. L-arloġġ kien mwiegħed li jitqiegħed f'postu għall-festa tal-1966. Inqalgħu ntoppi burokratiċi mid-dwana. Ix-xwejjaħ kappillan marid u għajjien kien jterraq kemm il-darba fix-xemx ta' Lulju lejn ix-xatt id-dwana ħalli jsolvi dawn il-problemi. Dun Pawl nkwieta ħafna għax weħel somma eċċessiva ta' dazju, ħaġa li ma basar qatt li kellha toħloqlu problemi u nkwiet bla bżonn. L-arloġġ twaħħal f'pos-

tu u bdejna nisimgħu t-tokki tiegħu għall- festa Titulari fl-10 ta' Lulju 1966. Dun Pawl kiteb lid-ditta Olandiża fejn irringrazzjahom tax-xogħol tagħhom. Ma kienx ilu li kiteb din l-ittra li ma żviluppatx ħsara kbira fl-arloġġ, fejn għamel żmien wieqaf. Dun Pawl kellu jgħaddi minn aktar tiġrib għax ma tantx sab għajnuna minn għand min faħħar fl-ittra tiegħu. Għaddew 41 sena. Qisa ħolma u int li tisma' t-tokki kull kwarta u titpaxxa bid-daqq tal-Ave Maria ftakar f'tant Gżirjani li mgħadhomx magħna li kienu daħħlu jdejhom fil-but u taw xi ħaġa għall dan l-arloġġ. Din l-informazzjoni fuq l-inkwiet ta' Dun Pawl fuq l-arloġġ ġiet mgħotija lili bil-fomm minn neputi tiegħu, s-Sur Anthony P. Scicluna li żgur għallem eluf ta' tfal Gżirjani u aħna li tgħallimna mingħandu ngħidulu grazzi. Mela taraw kemm kellu jinkwieta Dun Pawl fl-aħħar tal-parrokat tiegħu. Jien li kont żgħir fi żmienu dejjem niftakar il-priedki tiegħu, sempliċi u qosra. Illum li kbirt u jien dilettant tal-knejjes nħares b'qima lejn Dun Pawl Galea li għadna ngawdu l-opri li għamel matul il-parrokat tiegħu. Ma nsemmix i-id spiritwali li ħalla warajh dan is-saċerdot Għawdxi. Is-Sibt 30 ta' Ottubru 1970 kien jum ta' niket meta l-korteo funebri waqaf quddiem il-knisja tal-Ġebla u fost iċ-ċapċip tal-Gżirjani, il-qniepen li tant tħabat għalihom daqqew il-Mortworju Solenni għalih. Dak inhar iz-zuntier kien mimli daqs bajda flimkien ma' Dun Ġużepp Theuma biex nagħtu l-aħħar tislima lil min xtaqilna l-ġid u ħabbna tassew. Grazzi Dun Pawl u llum li m'għadekx magħna niftakru fik fit-talb tagħna.


# APS Bank

## At the Heart of the Community...

- Investment Services
- Business Loans
- Advisory Services
- Personal Loans
- Card Services
- Life Insurance
- House Loans

APS bank

ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO

*The Bank You Want Us To Be*

APS Bank Ltd is licensed by the Malta Financial Services Authority

www.apsbank.com.mt